MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1561/1997/1

**Salvu Fenech u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2001 assumew l-atti tal-kawza Anna, armla ta' Salvu Fenech, u Frankie, Horace, Censina mart Alex Bugeja, Anthony u Michael ahwa Fenech.**

**vs**

**Malta Diary Products Limited u b'digriet tas-27 ta' Awissu 2001 gew kjamati fil-kawza l-Ko-operattiva tal-Produtturi tal-Halib Limited u tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp; u b'digriet tat-30 t' Ottubru 2003 l-isem ta' din il-Korporazzjoni gie sostitwit bl-isem Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici *a tergo* ta' fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa produttur tal-halib u ilu f’din l-industrija ghal madwar erbghin sena.

Illi s-socjeta’ konvenuta ilha ghal numru ta’ snin timponi kundizzjoni dwar certa kwota ta’ gwiez li trid tinxtara bilfors.

Illi din il-kundizzjoni setghet kienet necessarja fis-snin ta’ l-imghoddi meta l-halib kien sussidjat. Izda mill-1981 ‘l hawn, is-sussidju fuq il-halib spicca ghaliex il-prezzijiet kemm tal-gwiez kif ukoll tal-halib gholew.

Illi din il-kundizzjoni arbitrarjament u ngustament imposta qed tikkawza dannu finanzjarju konsiderevoli lill-attur billi s-socjeta’ konvenuta qieghda tiffissa l-kwantita’ ta’ gwiez li hija jidhrilha li “suppost” tigi mixtrija. Meta l-attur jixtri anqas mill-kwantita’ mposta, is-socjeta’ konvenuta tibghat tinfurmah li huwa xtara tant gwiez “anqas milli suppost” u ghalhekk izzommlu flus mill-hlas tal-halib.

Illi b’Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 3080/97 fl-ismijiet **“Salvatore Fenech vs Malta Dairy Products Limited”** din il-Qorti inibiet lis-socjeta’ konvenuta milli zzomm flus lill-attur bil-mod fuq deskritt.

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tordna li l-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 3080/97 fl-ismijiet **“Salvatore Fenech vs Malta Dairy Products Limited”** ghandu jibqa’ fis-sehh definittivament.

2. Tiddikjara li l-kundizzjoni mposta mis-socjeta’ konvenuta dwar kwota ta’ gwiez imsemmija hawn fuq hija abbuziva w illegali.

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma ta’ elf, tliet mija u tmienja u erbghin lira u sitta u tletin centezmu (Lm1,348.36,0) liema somma kienet giet mizmuma arbitrarjament u llegalment.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tas-26 ta’ Jannar 1996, u l-ispejjez tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 3080/97 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-process minn fejn jirrizulta illi s-socjeta’ konvenuta kienet giet notifikata fit-23 ta’ April 1998.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Malta Dairy Products Limited a fol. 9 tal-process u li permezz taghha eccepiet:-

1. L-infondatezza fattwali u legali tat-talbiet tal-attur ghad illi m’hemm ebda kundizzjoni u wisq aktar dik il-kundizzjoni msemmija mill-attur fic-citazzjoni, li giet imposta arbitrarjament, b’mod abbuziv u llegali mis-socjeta’ eccipjenti fuq l-attur jew xi membri ohra ta’ kategorija li taghha l-attur jifforma parti, ossia l-produttur tal-halib.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta a fol. 9 *et seq*. tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda ta’ l-istess socjeta’ konvenuta a fol. 10 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta’ Mejju 1998, 22 ta’ Frar 1999, 5 ta’ Novembru 1999; 15 ta’ Marzu 200028 ta’ April 2000; 23 ta’ Gunju 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta tad-29 ta’ Novembru 2000; tas-27 ta’ Frar 2001; 16 ta’ Mejju 2001; 27 ta’ Gunju 2001; 2 ta’ Ottubru 2001; 24 ta’ Ottubru 2001; 21 ta’ Novembru 2001; 15 ta’ Jannar 2002;

24 ta' April 2002; tal-10 ta' Ottubru 2002; u tat-30 ta' April 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum 29 ta' Mejju 2003.

Rat l-affidavit tal-attur Salvu Fenech datat 18 ta' Frar 1999 (fol. 15); affidavit ta' Frank Fenech datat 18 ta' Frar 1999 (fol. 18); affidavit ta' Dr. Pio Valletta tal-24 ta' Awissu 1999 (fol.32); affidavit ta' Frank Fenech tas-27 ta' Frar 2001 (fol. 69); affidavit ta' John Pace datat 15 ta' Marzu 2002 (fol.305); u affidavit ta' Frank Fenech datat 24 ta' April 2002 (fol.310).

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 33 sa 57 tal-process.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3080/97/FD decretat fit-13 ta' Gunju 1997.

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' konvenuta fl-4 ta' Awissu, 1999 a fol. 24 tal-process, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex thalliha taghti eccezzjoni ta' integrita ta' gudizzju li bi zvista ma kienitx tnizzlet fin-nota ta' eccezzjonijiet meta din giet ipprezentata.

Rat ir-risposta ta' l-attur ipprezentata fl-20 ta' Settembru, 1999 li permezz taghha hija talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tas-socjeta' konvenuta.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta' Novembru, 1999 fejn din il-Qorti pprovdiet definittivament fuq ir-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-4 ta' Awissu, 1999 billi wara li rat l-**artikolu 728 (2) tal-Kapitolu 12** u wara li kkonsidrat illi s-socjeta' konvenuta ma wrietx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ragunijiet validi l-ghaliex l-eccezzjoni ma nghatatx fl-ewwel lok, cahdet it-talba.

Rat ir-rikors ipprezentat fit-28 ta' Frar 2001 mis-socjeta' konvenuta a fol. 270 tal-process li permezz tieghu talbet li jigu kjamati in kawza l-Ko-operattiva Produtturi tal-Halib Limited u tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp.

Rat ir-risposta tal-atturipprezentata fil-26 ta’ Lulju 2001 a fol. 272 *et sequitur* tal-process li permezz taghha l-istess attur talab li r-rikors ghall-kjamat in kawza jigi michud.

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Awissu 2001 li permezz tieghu din il-Qorti laqghat it-talba w ordnat il-kjamat in kawza tal-Ko-operattiva tal-Produtturi tal-Halib Limited u tal-Korporazzjoni Maltija tal-Izvilupp b’dan li l-istess kjamat in kawza jkollu ghoxrin jum ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet u ghalhekk ghandha tigi notifikata kopja ta’ dan id-Digriet lill-istess kjamati in kawza, kollox a spejjez provizorju tas-socjeta’ konvenuta, li ghandha tohrog l-istess notifiki mmedjatament.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Korporazzjoni ghal Zvilupp ta’ Malta pprezentata fis-16 ta’ Ottubru 2001 u li tinsab a fol. 280 tal-process li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi isem l-eccipjenti gie ccitat hazin *stante* li l-isem korrett ta’ l-korporazzjoni kjamata in kawza *ai termini* tal-**Kap. 202 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa “Korporazzjoni ghal Zvilupp ta’ Malta” u mhux “Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp”;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess korporazzjoni a fol. 281 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 282 tal-process;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamata in kawza Koperattiva tal-Produtturi tal-Halib Limited ipprezentata fl-24 ta’ Ottubru 2001 a fol. 286 tal-process li permezz taghha eccepiet:

1. Preliminarjament illi peress illi l-attur huwa mejjet trid issir il-legitimazzjoni tal-atti;

2. Illi dwar l-ewwel talba, il-Mandat ta’ Inibizzjoni ma giex akkolt fil-konfront tas-socjeta’ esponenti u ghalhekk din it-talba ma tistax tigi akkolta fil-konfront taghha;

3. Illi dwar it-tielet talba, is-socjeta’ esponenti ma zammet l-ebda flus tal-attur u ghalhekk din it-talba wkoll ma tistax tigi akkolta fil-konfront tas-socjeta’ esponenti;

4. Illi dwar it-tieni talba, mhuwiex minnu illi l-klawsola in kwistjoni hija wahda abbuziva w illegali kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk din it-talba ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ kjamat in kawza a fol. 287 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 288 tal-process;

Rat ir-rikors ipprezentat fil-21 ta’ Novembru, 2001 mill-eredi ta’ l-attur fejn talbu li din il-Qorti tillegittima l-atti tal-kawza b’dan illi flok l-attur Salvu Fenech jassumu l-atti tal-kawza Anna, armla ta’ Salvu Fenech u Frankie, Horace, Censina mart Alex Bugeja, Anthony u Michael ahwa Fenech.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Novembru 2001 li permezz tieghu din il-Qorti laqghet it-talba ghall-legittimazzjoni ta’ l-atti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April, 2003 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur datata 7 ta’ Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur Salvu Fenech** xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit (fol. 15 *et seq.* tal-process). Jghid illi huwa produttur tal-halib u ilu f'din l-industrija ghal aktar minn erbghin sena. Jghid ukoll illi s-socjeta' konvenuta ilha ghal numru ta' snin timponi kundizzjoni fuq il-produtturi, fosthom huwa stess, dwar certa kwota ta' gwiez li trid tinxtara bilfors, iridu jew ma jridux, ghandhomx bzonn jew le.

Illi huwa jaqbel li din il-kundizzjoni kienet necessarja fi snin ta' l-imghoddi meta l-halib kien sussidjat mill-Gvern, izda minn 1981 'l hawn dan is-sussidju spicca. Bhala konsegwenza, kemm il-prezz tal-gwiez u kemm il-prezz tal-halib ghola.

Illi l-attur jilmenta *illi "l-kundizzjoni dwar certa kwantita ta' gwiez li trid tinxtara bilfors baqghet tigi mposta"* u dan minkejja li l-prezz tal-halib ma ghadux issussidjat. Din il-kundizzjoni ghalhekk, jghid l-attur, hija arbitrarja u abbuziva.

Illi jkompli jghid l-attur illi *"din il-kundizzjoni ngustament imposta qed tikkawza dannu finanzjarju konsiderevoli ghalija. Li qed jigri hu li s-socjeta' konvenuta Malta Dairy Products Ltd. ghadha qieghda timponi x-xiri ta' l-istess kwantitajiet ta' gwiez bhal meta kien ghad hemm is-sussidju. Jiena bhala produttur, irrid jew ma rridx, nigi mistenni nixtri bilfors dik il-kwantita jew aktar. Jekk ma naghmilx hekk, il-Malta Dairy Products Ltd. tippenalizzani billi taqbad u zzommli parti mill-hlas tal-halib".*

Illi xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit **Frank Fenech** (a fol. 18 *et seq* tal-process). Dan ix-xhud bazikament xehed bl-istess mod li xehed missieru, l-attur Salvu Fenech.

Illi xehed imbaghad **l-Avukat Pio M. Valletta**, fil-kwalita tieghu ta' segretarju tas-socjeta' Malta Dairy Products

Ltd. (a fol. 28 *et seq*. tal-process). Huwa jghid illi *"jezisti ftehim bejn il-Malta Dairy Products Ltd. u l-Ko-operattiva Produtturi tal-Halib Ltd inizjalat, assunt u accettat mill-Gvern kif rapprezentat mill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp li permezz tieghu gie miftiehem illi l-prezz tal-halib ikun maghmul minn erba' komponenti u cjoe' l-valur tal-gwiez, il-valur tal-maghlef, il-valur tax-xoghol u spejjez ohra. Kopja ta' dan il-ftehim qedha tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "MDP 1". Hemm stipulat ukoll illi l-valur tal-gwiez fil-prezz tal-halib, il-produttur ghandu jircevih permezz ta' pagament separat. L-iskop wara dan l-arrangament huwa sabiex is-socjeta' Malta Dairy Products Ltd. li hija socjeta' li tipproduci l-halib frisk u prodotti ohra friski maghmulin mill-halib, u ghalhekk hija fid-dmir versu l-konsumatur li tipproduci halib bnin u tajjeb ghas-sahha, ikollha kontroll kemm fuq il-kwantita' ta' gwiez li jigi mitmugh lill-baqar li jipproducu l-halib u kemm fuq il-kwalita' ta' gwiez. Dawn il-parametri u ndikazzjonijiet ta' kontroll huma rizultat ta' studju u konsegwenti rakkomandazzjonijiet li saru minn Kumitat ta' Verifika mwaqqaf mill-Gvern fl-1972. Illi l-hsibijiet li mmottivaw lil dan il-kumitat ta' verifika fil-wasla ghar-rakkomandazzjonijiet tieghu ghandhom japplikaw illum, ghad illi l-iskop finali taghhom huwa dak li jassiguraw kwantita' tajba ta' halib u halib li ma jaghmilx hsara lis-sahha".*

Illi jkompli jghid l-Avukat Dr. Pio Valletta, fil-kwalita' tieghu gja' premessa, *"Illi din il-kundizzjoni ma hijiex, kif qed jallega l-attur, imposta mis-socjeta' konvenuta izda hija kundizzjoni miftehma bejn l-istess socjeta', il-Ko-operattiva Produtturi tal-Halib Limited, … kif ukoll il-Gvern kif rapprezentat mill-Korporazzjoni tal-Izvilupp".*

Illi dwar l-ilment ta' l-attur li s-socjeta' konvenuta kienet qed izzommu xi hlas tal-halib, l-Avukat Valletta jghid illi *"dak li effettivament isir huwa illi meta produttur tal-halib ma jixtrix l-ammont ta' gwiez li kien gie stipulat kontrattwalment bl-iskop li tigi zgurata l-ahjar kwalita' ta' halib allura s-socjeta' konvenuta tikkunsidra lill-halib ta' tali produttur bhala halib li ma jwassalx il-prezz tal-halib tal-kwalita' miftehma u ghalhekk il-produttur ma jinaghtax*

*kumpens ghal dak il-komponent fil-prezz tal-halib li huwa maghmul mill-valur tal-gwiez. Ghalhekk dak li qed jinzamm mis-socjeta' konvenuta fil-kazijiet fejn produtturi ma joqoghdux ghat-termini tal-ftehim qieghed jinzamm sabiex l-obbligu tal-produttur li jforni halib ta' kwalita' jigi mhares".*

Illi x-xhud Avukat Dr. Pio Valletta jghid illi *"anke f'kaz illi kif qed jallega l-attur ic-cirkostanzi nbidlu b'mod illi dak li hemm stipulat fil-ftehim m'ghandux ireggi – cirkostanzi pero' li l-ebda wahda mill-partijiet ghall-ftehim ma qed jghidu li jezistu – certament dan ma jista qatt ifisser illi l-kundizzjoni kontrattwali in kwistjoni ghandha tigi kunsidrata bhala abbuziva w illegali"*. Izid jghid illi *"l-htiega u l-opportunita ta' varjazzjoni fi ftehim vigenti minhabba tibdil fic-cirkostanzi ma tirrendix it-termini tal-ftehim abbusivi w illegali".*

Illi dwar il-kwistjoni tal-prezz u ta' kif jinhadem l-Avukat Valletta jghid illi *"il-prezz tal-halib li jithallas lill-produttur gie stabbilit ghab-bazi ta' parametri li fost affarijiet ohra jistabbilixxu l-kwantita' ta' gwiez li ghandha tigi mitmugha lill-baqra. F'kaz illi din il-kwantita ma tigix mitmugha allura l-produttur ikun qieghed jircievi prezz illi ma jsegwix il-formola li biha jinhadem il-prezz u ghalhekk bhala tali jkun qieghed jircievi prezz li ma jirriflettix il-valur vera tal-halib, u bhala tali l-prezz li jispetta lilu ghandu jonqos".*

Illi rega' xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit **Frank Fenech** (a fol. 69 *et seq.* tal-process). Huwa jghid illi *"l-parametri fil-ftehim li ssir referenza ghalih fl-affidavit tal-MDP huwa rizultat ta' rakkomandazzjonijiet li saru minn Kumitat ta' Verifika mwaqqaf mill-Gvern u li r-rapport tieghu hareg fi Frar 1972. Dan assolutament mhux hekk ghax f'dan ir-rapport imkien ma jissemma li jrid jinxtara xi kwantita' stabbilita ta' gwiez ghal kull gallun halib mibjugh. Biss jekk wiehed jistudja t-tabella 14 f'pagna 21 tal-istess rapport li jirreferu ghalih l-MDP (li huwa intitolat 'Report of The Committee of Inquiry into the Economics of The Diary Industry 1972') isib li lanqas hawn ma jista' wiehed jasal ghall-figura li jsemmi li l-Pre-Incorporation*

*Agreement fir-raba pagna u cjoe' dik ta' 5.6 rotoli ghal kull gallun"*.

Illi l-istess xhud jkompli jghid illi *"is-sussidju ilu li spicca u kemm il-prezz tal-halib kif ukoll dak tal-gwiez huma kummercjali u l-Gvern ma ghadu jhallas l-ebda sussidju, ghalhekk ma ghadx hemm lok li tigi mposta kwantita' ta' gwiez li trid tinxtara biex fuqha jithallas is-sussidju. Illum dik il-parti li kienet tithallas bhala sussidju hija nkorporata fil-prezz, tant hu hekk li fil-korrispondenza li tibghat il-KPH biex tghid kemm ikun il-prezz tal-halib dan johrog car hafna u waqt li jinghad kemm huwa l-prezz tal-halib, jinghad ukoll li parti mill-prezz tithallas mill-MDP u l-parti l-ohra mill-KPH. Hija l-parti tal-hlas li jsir mill-MDP li ghandi mizmuma u li kien jammonta ghas-somma ta' Lm1,348.36. Imkien ma jissemma li biex tiehu l-prezz shih hemm xi kundizzjoni hlief li x-xaham fil-halib irid ikun ta' certu livell".*

Illi ma' dan l-affidavit ta' Frank Fenech gew ipprezentati diversi dokumenti.

Illi fl-affidavit ta' **John Pace** segretarju tal-Ghaqda Ko-operattiva KPH Limited a fol. 305 *et seq*. tal-process, huwa jghid illi *"it-termini u kundizzjonijiet previsti fil-Ftehim li jirregola l-fornitura tal-halib mill-produtturi lill-MDP, originaw minghand il-Gvern li kien ihaddimhom permezz tal-MMU qabel ma giet iffurmata l-MDP. Bil-ftehim ta' Pre-inkorpoazzjoni giet mghoddija fuq l-MDP l-attivita' kollha marbuta mall-ipprocessar tal-halib li sa dakinhar tal-ftehim ta' pre-inkorporazzjoni kienet taht ir-responsabbilta' tal-MMU. Il-partijiet kollha li ffirmaw il-ftehim ta' pre-inkorporazzjoni xtaqu li l-MDP tibqa' thaddem l-istess arrangamenti li kienu jithaddmu mill-MMU u l-ftehim bejn l-MDP u l-KPH ghamel proprju hekk. Huwa mportanti li jigi ndikat li fil-mument meta sar il-Ftehim bejn l-MDP u l-KPH, il-KPH kellha 40% tal-ishma, kontra 30% tal-ishma tal-Malta Development Corporation u 30% tal-ishma tas-socjeta' Awstrijaka". Ikompli jghid illi Fost dawk li ffirmaw il-Ftehim ta' Pre-inkorporazzjoni u l-Ftehim bejn l-MDP u l-KPH kien hemm l-attur Salvu Fenech, illum mejjet – li kien dak iz-zmien kien jokkupa l-*

*kariga ta' President tal-KPH"*. Finalment jghid illi *"il-ftehim bejn l-MDP u l-KPH dejjem gie mhaddem skond it-termini u l-kundizzjonijiet tieghu u l-KPH permezz tal-membri taghha dejjem segwietu ghad illi hija marbuta bih in forza tal-Ftehim ta' Pre-Inkorporazzjoni"*.

**(ii) LIGI U GURISPRUDENZA.**

Illi din il-Qorti, *marte proprio* u a tenur ta' l-**artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** qeghda tikkoregi l-isem li hemm fl-okkju tal-kawza u kull fejn hemm fl-atti tal-kawza l-kliem *"Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp"* bil-kliem *"Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta"* u dan anke in vista tal-eccezzjoni tal-istess kjamata fil-kawza il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta.

**(A) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EWWEL TALBA.**

Illi l-attur fl-ewwel talba tieghu qieghed jitlob lil din il-Qorti tordna li l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3080/97 fl-ismijiet **"Salvatore Fenech vs Malta Dairy Products Limited"** ghandu jibqa' fis-sehh definittivament.

Illi din il-Qorti, kif preseduta, tat diversi sentenzi fuq dan il-punt. Din il-Qorti qeghda taghmel referenza ghas-sentenza minnha moghtija fl-4 ta' Marzu, 1999 fl-ismijiet **"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara"** (Cit. Nru. 1998/97) fejn qalet illi:-

*"Illi tali eccezzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa applikabbli ghall-Mandat ta' Inibizzjoni, in forza tal-Artikolu 875, li jipprovdi inter alia illi r-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-Mandat fi zmien sitt ijiem mill-kunsinna tal-avviz………".*

Illi dwar dan l-istess artikolu hemm diversi sentenzi li ppronunzjaw ruhhom fuq il-portata tal-istess artikolu u senjatament il-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 1991, fejn sostniet illi:-

*“Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validita’ u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunita’ li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f’titolu ezekuttiv ……… u jippermetti jesegwixxi kreditu li b’ hekk ma jkollux bzonn ta’ aktar kawtela”.*

Illi ghalhekk l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess sentenza ghamlet id-differenza li tezisti bejn *“id-dritt ta’ kawtela - cjoe’ id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista’ jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed……… Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m’ huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat”.*

Il-kwistjoni kollha hija li ma *“tikkonfondi l-kuncett ta’ kawtela ma’ dik ta’ garanzija ta’ drittijiet”.*

Tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **“Catherine Terrence Sullivan vs Adrian Stivala et”** (K.F. 17 ta’ Marzu 1992) fejn it-talba kienet sempliciment sabiex jigi kkonfermat il-Mandat kawtelatorju. Il-Qorti qalet li ma hemm ebda fondament legali li tintalab konferma tal-Mandat kawtelatorju *stante* li *“il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b’citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma rikonferma ta’ digriet gja’ moghti fil-kaz tal-mandat jew mandati. Certament ghalhekk it-talba kif maghmula hija mproponibbli ghax ma hijiex kontemplata mill-ligi”.*

Dan gie kkonfermat f’diversi sentenzi fejn saru talbiet sabiex jigi kkonfermat in perpetwu mandat ta’ inibizzjoni *sic et simpliciter* inkluzi fil-kawzi **“Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci”** (P.A. (AJM) 4 ta’ Ottubru 1993) li sostniet illi *“tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li irrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat”.* Tali sentenza **“C. Galea vs J. Gauci”** giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Ottubru 1997 anke peress li irrizulta li l-atturi ddeducew il-pretensjoni taghhom b’kawza separata, u ghalhekk ma

kienx hemm bzonn konferma tal-mandat billi dan jibqa' *in vigore* sakemm tigi deciza l-pretensjoni tal-atturi.

Illi l-istess sentenzi gew ikkonfermati fil-kawzi **"George Giordmaina vs Kristinu Giordmaina"** (P.A. GV 7 ta' Novembru 1995); **"Michael Axisa vs Grazio Patiniott"** (P.A.M. 21 ta' Marzu 1996) u dan dejjem fuq il-bazi li *"l-ligi ma tikkontemplax il-possibbilta' ta' mandat kawtelatorju permanenti",* **"Louis Cuschieri vs. Dr. John C. Grech nomine** (G.V. 9 ta' Jannar 1997).

Illi l-kawza tal-Appell **"Mary Grace Farrugia vs Stephen Farrugia et"** deciza fit-30 ta' Mejju 1997, gie wkoll enuncjat illi dak li ntqal fis-sentenzi **"Joseph Gasan vs Nicola Spiteri"** (App. 28 ta' Gunju - 1948 - XXXIII.i.665) u **"Marco Bongailas vs John Magri et"** (P.A. 27 ta' Gunju 1995) li *"id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn li jsiru taht forma ta' domandi jimplika biss li certi dikjarazzjonijiet ma hemmx bzonn li jsiru taht forma ta' domandi. Fil-kaz odjern non si tratta ta' nuqqas ta' dikjarazzjonijiet li jwasslu ghad-domanda izda nuqqas tad-domanda stess".*

Illi sentenza ohra li nghatat fuq dan il-punt kienet dik tal-istess Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **"Adrian de Haan nomine vs Dr. Tonio Farrugia et nomine"**, fejn il-kawza kienet talba sabiex il-konvenuti jigu inibiti definittivament milli jbieghu il-proprjeta' hemm indikata u dan sabiex id-drittijiet tal-atturi fuq konvenju ma jigux pregudikati, u dwar l-istess inghad li tali talba *"id-dritt pretiz ma huwiex specifikat izda hemm referenza generika ghad-drittijiet stipulati fil-konvenju, u di piu' fit-talbiet ma kien hemm ebda terminu ghal tali inibizzjoni".* Di piu', tali nuqqas imur kontra l-**artikolu 156 (1) (a)** ghaliex ma hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.

Illi pero' hemm sentenzi ohra fejn talbiet <u>apparentement</u> simili ghal dawk fuq appena kkwotati fis-sentenzi citati gew ammessi mill-Qrati nostrali, u ghas-soluzzjoni tal-kwezit odjern jehtieg ukoll li jigu ezaminati. Hekk fis-sentenza **"David Camilleri nomine vs John Camilleri"**

(K (A.M) 25 ta’ Novembru 1994) konsegwenti ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, giet milqugha talba sabiex il-konvenut jillibera permanentament il-fondi hemm indikati minn diversi molestji. Illi *nonostante* l-fatt li ma kienx domanda ohra hlief dik fuq indikata, il-Qorti sostniet li *“l-azzjoni prezenti konsegwenza tal-mandat ta’ inibizzjoni li kien ghamel l-attur, hija bbazata fuq id-dritt li wiehed ghandu li jithallas ghad-danni li jsofri fil-proprjeta’ tieghu; min isofri d-danni jista’ wkoll jagixxi biex igieghel lil min qed jikkaguna d-danni illi jieqaf milli jkompli jaghmel atti li jikkagunaw, skond l-allegazzjoni tieghu, id-danni”.*

Illi l-istess sentenza kompliet ukoll tghid li *“id-domanda (kif hemm esposta fic-citazzjoni) hija domanda giudizzjarja biex jigi stabbilit id-dritt oggett tal-mandat kawtelatorju ai termini tal-artikolu 843”.*

Illi wkoll fil-kawza **“Alfred Cassar vs John Mallia”** (P.A (JF) 22 ta’ Mejju 1995) il-Qorti sostniet illi:-

*“Li kieku l-attur strah u llimita ruhu ghall-ewwel talba biss (konferma b’ mod definittiv tal-Mandat ta’ Inibizzjoni), allura il-konvenut kien ikollu ragun li jeccepixxi n-nullita’ tal-azzjoni attrici. F’dan is-sens ukoll inghataw is-sentenzi citati mill-konvenut bhal* ***“Sullivan vs Stivala et”*** *(13 ta’ Marzu 1992 P.A.) u* ***“Galea vs Gauci”*** *(4 t’Ottubru 1993). A differenza ta’ dawn id-decizjonijiet, l-attur zied talba addizzjonali li tindika kjarament li l-bazi tal-azzjoni attrici tohrog mill-fatt li x-xogholijiet de quo kienu qed isiru fuq proprjeta’ komuni …..”.* (**artikoli 491 - 493 tal-Kap 16)**.

Illi minn dan jidher car li sabiex wiehed jiddeciedi fuq il-premess, wiehed irid jara n-natura tal-azzjoni ttentata, u jekk bit-talbiet li jsiru, supplimentati mill-premessi tal-istess citazzjoni, l-attur ikunx qieghed jitlob l-affermazzjoni u ezercitazzjoni tad-dritt sostantiv li ghandu, jew inkella jkunx merament qed jagixxi proceduralment biss, mhux ghall-asserzjoni tal-istess dritt sostantiv, izda ghall-kawtela tieghu.

Illi fl-ewwel kaz ovvjament it-talba tieghu tigi kkunsidrata bhala valida *ai termini* tal-**artikolu 843**, (salv il-prova

taghha), fil-waqt li fit-tieni ipotesi tali talba ma hijiex permessa mill-ligi, ghas-semplici raguni li ma tezisti ebda azzjoni ghall-kawtela permanenti u perpetwa tad-drittijiet *ut sic* fl-astratt, kif lanqas tezisti ebda azzjoni sabiex mandat kawtelatorju jigi estiz permanentament jekk mhux bil-prova u asserzjoni tad-dritt sustantiv innifsu.

Illi hekk tispjega ruhha d-differenza bejn l-insenjamenti tal-kawza fuq citata **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** tas-27 ta' Novembru 1991 u dik tas-sentenza **"Alfred Cassar vs John Mallia"** tat-22 ta' Mejju 1995, u d-diversi sentenzi fuq citati li jaqghu taht branka jew ohra tal-istess.

Illi ghalhekk il-gurisprudenza hija kostanti f'dan ir-rigward u stabbiliet konsistentament illi:-

(a) Talba sabiex mandat t'inibizzjoni jigi kkonfermat in perpetwita' ma hijiex ammissibbli skond il-ligi taghna u senjatament kontra d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 843 tal-Kap 12.**

(b) Illi wara kull mandat t'inibizzjoni, fit-terminu preskritt skond l-istess **artikolu 843 tal-Kap 12** ghandha ssir citazzjoni ghall-jedd imsemmi u kawtelat fil-mandat.

(c) Illi t-talbiet ghal tali konsegwiment u asserzjoni tal-jedd sostantiv ivarjaw skond id-dritt li jrid jigi vantat, u jista' jimporta talba sabiex il-konvenut jigi inibit milli jaghmel xi haga lill-attur, *proprio* minhabba d-dritt sostantiv tal-attur vantat u ezercitat fl-istess citazzjoni. (*Vide* **"Cassar vs Mallia u D. Camilleri vs J. Camilleri"** fuq citati).

Illi konsistentement ma' dan il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi **"Doris Spiteri vs Carmel Spiteri"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-28 ta' April 1999 – Cit. Nru. 2309/97; **"Simon Debono vs HSBC Bank Malta plc gia' Mid Med Bank plc"** deciza minn din il-Qorti, kif presjeduta, fis-27 ta' Gunju, 2002 – Cit. Nru. 2735/99) u l-aktar wahda ricenti **"Reverendu George Schembri vs Saqqajja Caterers Limited"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003, li kollha jikkonfermaw l-istess principji.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-azzjoni attrici saret fuq l-allegazzjoni u l-premessa li s-socjeta' konvenuta mponiet kundizzjoni dwar kwota ta' gwiez li hija abbuziva w illegali. Illi allura din il-Qorti jekk tilqa' t-tieni talba ta' l-attur ikollha tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex ma tibqax izzomm flejjes li hija qeghda zzomm meta l-attur ma jixtrix il-kwota ta' gwiez stipulata. Illi ghalhekk din l-ewwel talba, dejjem jekk din il-Qorti tilqa' t-tieni talba jkollha tintlaqa' wkoll.

Illi dan ifisser li l-ewwel talba tiddependi fuq l-akkoljiment *o meno* tat-tieni talba attrici, liema l-ahhar talba msemmija tvanta d-dritt li l-istess attur, llum atturi, qed iressaq 'il quddiem permezz ta' din l-azzjoni sabiex jigi ddikjarat li l-kundizzjoni mposta mis-socjeta' konvenuta dwar il-kwota ta' gwiez tigi ddikjarata li hija arbitrarja u abbuziva, u l-konsegwenza tal-istess tkun li l-istess socjeta' konvenuta, f'kaz ta' akkoljment tat-tieni talba tigi mizmuma milli zzomm jew tkompli zzomm somom ta' flus abbazi tal-istess imsemmi ftehim u tal-klawsola u l-kundizzjoni hawn kontestata.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li l-proceduralment tali talba tista' tissussisti salv il-konsiderazzjonijiet fil-meritu abbazi tat-tieni talba li ser jigu aktar 'l isfel trattati f'din is-sentenza, u dan ghaliex li l-istess atturi odjerni ressqu 'il quddiem il-pretensjoni taghhom fil-mertu u s-sustanza f'din il-kawza, u fil-fatt ma nghatat ebda eccezzjoni f'dan is-sens la mis-socjeta' konvenuta u lanqas mill-kjamati fil-kawza.

## <u>(B). KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IT-TIENI TALBA.</u>

Illi t-tieni talba ta' l-attur hija fis-sens illi din il-Qorti ghandha tiddikjara li l-kundizzjoni mposta mis-socjeta' konvenuta dwar kwota ta' gwiez imsemmija fil-premessi tac-citazzjoni hija abbuziva w illegali.

Illi bhala linja generali jinghad illi l-**artikolu 1002 tal-Kapitolu 16** jistipula illi *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni*

*mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et"** (Cit. Nru: 3535/96/RCP) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:-

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".* (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hawn appena citata li:-

*"Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu"* (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi *inoltre* gie deciz illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. (RCP) 30 t'Ottubru 2001).

Illi huwa wkoll ta' mportanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti "*li l-*

*principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"**) **"General Cleaners Company Limited vs Accountant General" –** P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).

Illi dan iwassal ghall-principju iehor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *'bona fede'* u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni. (**"Joseph Francis Depares nomine vs John O'Dea nomine"** – A.C. - 25 ta' Gunju 1996).

Illi l-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun *buon* sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati *in bona fede* **("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et"** - P.A. (WG) 30 ta' April 1987).

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami jidher li l-ewwel ostaklu sabiex din it-tieni talba tintlaqa' johloqha l-attur stess. Illi dan ghaliex fl-affidavit ta' Frank Fenech, iben l-attur jinghad illi *"is-sussidju ilu li spicca u kemm il-prezz tal-halib kif ukoll dak tal-gwiez huma kummercjali u l-Gvern ma ghadu jhallas l-ebda sussidju, ghalhekk ma ghadx hemm lok li tigi mposta kwantita ta' gwiez li trid tinxtara biex fuqha jithallas is-sussidju".*

Illi allura l-attur stess, il-ghaliex l-atti gew legittimati f'isem Frank Fenech bhala wiehed mill-eredi tal-mejjet Salvu Fenech, qed jammetti li l-istess kundizzjoni kienet parti mill-ftehim mertu tal-kawza odjerna, u li din il-kundizzjoni kienet tifforma parti mill-ftehim originali li kien anke gie ffirmat minn missieru bhala President tal-Ko-operativa tal-Produtturi tal-Halib Limited. Li jidher li l-atturi llum qed jikkontestaw huwa li din il-kundizzjoni skond huma llum il-gurnata ma ghadhiex mehtiega w allura ghandha titnehha mill-ftehim.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ma jirrizultalhiex taht liema dispozizzjoni tal-ligi din it-tieni talba attrici qed issir, u din hija mankanza mhux zghira fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, aktar u aktar meta skond din l-istess xhieda u xhieda prodotta mill-atturi nnifishom, huwa ammess li l-istess kundizzjoni kienet tifforma parti mill-istess ftehim li ghalih dahlu l-partecipanti tal-istess fil-kwalita’ taghhom premessa, u dan jinkludi lill-attur llum sfortunatament mejjet.

Illi ta’ rilevanza huwa dak li jghid l-attur innifsu Salvu Fenech fl-affidavit tieghu tat-18 ta’ Frar 1999 u cjoe’:-

*“Fl-antik dan l-arrangament kien sar bi ftehim ibbazat fuq ic-cirkostanzi ta’ dak iz-zmien”*

.

Illi ovvjament fic-cirkostanzi u in vista ta’ dak premess din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tal-atturi u dan ghas-semplici fatt illi galadarba r-rekwiziti tal-kuntratt jew ftehim *de quo* gew osservati kollha (fosthom per ezempju (i) illi l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw; (ii) il-kunsens ta’ dak illi jobbliga ruhu; (iii) haga zgura li tkun l-oggett tal-kuntratt; u (iv) kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu) allura din il-Qorti ma tistax tintervjeni hi fil-ftehim u thassar klawsola li kienet saret validament.

Illi din il-Qorti ma tistax tintalab taghmel tajjeb ghal nuqqas li forsi seta sar meta gie maghmul il-ftehim originarjament. Qieghed jinghad hekk il-ghaliex seta’ per ezempju issir klawsola fejn jinghad illi hekk kif appena jispiccaw is-sussidji, jekk jispiccaw, allura din il-kundizzjoni, li l-attur qieghed isejhilha bhala abbuziva w illegali kellha tispicca wkoll, izda dwar dan ma jidher li hemm xejn fl-istess ftehim li qed jaccennaw ghalih illum l-atturi, u certament din il-Qorti hija tenuta li timxi biss mal-ftehim milhuq, li *di piu* huwa ammess mill-atturi nnifishom, ghalhiex ladarba dan gie ppruvat u huwa car, dan jikkostitwixxi ligi bejn l-istess partijiet.

Illi **John Pace**, is-Segretarju tal-Ghaqda koperattiva KPH Limited jghid fl-affidavit tieghu (a fol. 305 tal-process) illi *“fil-mument meta sar il-Ftehim bejn l-MDP u l-KPH, il-*

*KPH kellha 40% tal-ishma, kontra 30% tal-ishma tal-Malta Development Corporation u 30% tal-ishma tas-socjeta' Awstrijaka". Ikompli jghid illi "fost dawk li iffirmaw il-Ftehim ta' Pre-inkorporazzjoni u l-Ftehim bejn l-MDP u l-KPH kien hemm l-attur Salvu Fenech, illum mejjet – li kien dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' President tal-KPH"*. Finalment jghid illi *"il-ftehim bejn l-MDP u l-KPH dejjem gie mhaddem skond it-termini u l-kundizzjonijiet tieghu u l-KPH permezz tal-membri taghha dejjem segwietu ghad illi hija marbuta bih in forza tal-Ftehim ta' Pre-Inkorporazzjoni"*.

Illi dawn is-siltiet ikomplu jsahhu l-fehma tal-Qorti illi t-tieni talba tal-atturi ma tistax tintlaqa'. Kif jista jinghad per ezempju li kundizzjoni giet imposta b'mod arbitrarju u abbuziv meta l-Ko-operattiva Produtturi tal-Halib Limited kellha erbghin fil-mija (40%) tal-ishma fil-kumpanija li kellha tigi ffurmata. Il-persuna li qeghda tipprova, anzi kienet qeghda tipprova, tattakka din il-klawsola dwar il-kwota tal-gwiez kienet l-istess persuna li ffirmat il-ftehim ta' Pre-Inkorporazzjoni. Dan ovvjament jinghad fil-persuna ta' l-attur Salvu Fenech, li llum miet u l-atti gew assunti mill-atturi odjerni.

Illi fid-dawl tal-premess allura jsegwi li l-istess tieni talba attrici ma ghandha l-ebda fundament legali u allura ghandha tigi michuda; fi kwalunkwe kaz kull allegazzjoni vantata mill-atturi u wara mill-atturi ma giet bl-ebda mod ppruvata u certament fl-ebda stadju tal-provi ma gie stabbilit fil-grad li trid l-ligi li l-istess imsemmija kundizzjoni giet imposta arbitrarjament u llegalment. Anzi jirrizulta li tali kondizzjoni giet accettata mill-attur ghal diversi snin u kien biss permezz tac-citazzjoni odjerna li ghall-ewwel darba din l-istess kundizzjoni qed tigi attakkata. Illi dwar dan il-Qorti tirreferi wkoll ghall-affidavit tal-Avukat Dr. Pio Valletta u partikolarment l-ewwel hames (5) paragrafi tal-istess li jikkontrastaw sew mal-allegazzjonijiet attrici b'dan li jista' jinghad li fattwalment u legalment it-tezi attrici ma giet bl-ebda mod ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi w allura l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Dan kemm fir-rigward ta' din it-talba u tal-ewwel talba attrici.

**(C) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IT-TIELET TALBA.**

Illi in vista ta’ dak li ghadu kif inghad fir-rigward tat-tieni talba attrici ssegwi li din il-Qorti ma tistax tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex tirrifondi lill-attur is-somma ta’ elf tliet mija u tmienja u erbghin lira u sitta u tletin centezmu (Lm1,348.36,0) liema somma kienet giet, skond l-istess attur, mizmuma arbitrarjament u llegalment.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u tal-kjamati fil-kawza, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi hlief ghal dawk tal-kjamati in kawza il-Ko-Operattiva tal-Produtturi tal-Halib Limited u tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp liema spejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------